



KUNSILL EWROPEW

**Brussell, 14 ta' Marzu 2013
(OR. en)**

EUCO 23/13

**CO EUR 3
CONCL 2**

NOTA TA' TIFSIR

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW
14/15 ta' Marzu 2013**

KONKLUŻJONIJIET

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (14/15 ta' Marzu 2013).

F'dawn l-aħħar snin għamilna ħafna biex inwieġbu għall-isfidi urġenti ppreżentati mill-kriżi finanzjarja u tad-dejn sovrani, bil-għan li nwitzu t-triq għal ritorn lejn tkabbir sostenibbli li johlq l-impjiegi u li nersqu lejn governanza ekonomika mtejbha kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak taż-żona tal-euro. Għamilna ħafna, minkejja xi inċertezzi li għad fadal fis-swieq finanzjarji. Madankollu, l-istagħnar tal-attività ekonomika prevista għall-2013 kif ukoll il-livelli għoljin mhux aċċettabbli tal-qgħad jenfasizzaw kemm huwa kruċjali li jiġu aċċellerati l-isforzi b'appoġġ għat-tkabbir bħala prijorità filwaqt li ssir ħidma għal konsolidazzjoni fiskali li tgħin it-tkabbir. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni komprensiva dwar is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali u stabbilixxa l-orjentazzjonijiet għall-politika ekonomika tal-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea fl-2013. L-attenzjoni għandha tkun fuq l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet li ttieħdu, b'mod partikolari fir-rigward tal-Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Għandha tingħata prijorità partikolari għall-appoġġ lill-impjiegi taż-żgħażaġh u l-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività. Il-Kunsill Ewropew ser jirritorna f'Ġunju għall-valutazzjoni tal-politiki li qed jiġu ddefiniti f'livell nazzjonali biex dawn il-prijoritajiet jiġu implimentati kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Huwa qabel li fix-xhur li ġejjin jiddiskuti temi speċifiċi b'potenzjal qawwi li jirriżultaw fi tkabbir u impjiegi. Huwa evalwa wkoll il-ħidma li qed issir dwar l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) bil-ħsieb tal-laqgħa tiegħu f'Ġunju.

I. POLITIKA EKONOMIKA U SOĠJALI

Semestru Ewropew: promozzjoni tal-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh

1. Kif qablu f'Diċembru li għadda, l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea qed jieħdu azzjoni determinata biex jippromwovu l-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi, f'konformità mal-prijoritajiet li ġejjin ippreżentati fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir:
 - (a) ħidma fuq konsolidazzjoni baġitarja differenzjata u favorevoli għat-tkabbir;
 - (b) ritorn tas-self normali fl-ekonomija;
 - (c) promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività;
 - (d) indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi;
 - (e) modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika.

2. L-implimentazzjoni tibqa' l-qofol. Tenħtieġ azzjoni determinata biex tinfed l-impenn politiku qawwi għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi u biex tingħata tweġiba għall-isfidi fiskali, makroekonomiċi u strutturali. Dan kollu għandu jiġi rifless fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u l-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-Istati Membri, waqt li jittieħed kont sħiħ tad-diskussjonijiet li saru fil-Kunsill fil-qafas tas-Semestru Ewropew dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-Kummissjoni kif ippreżentati fir-Rapport ta' Sintesi tal-Presidenza u fil-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill,¹ kif ukoll tal-analiżi pprovduta mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku, inkluż fir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija.
3. Qed isir progress sostanzjali lejn baġits strutturalment bilanċjati u dak il-progress għandu jkompli. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa ta' konsolidazzjoni fiskali differenzjata favorevoli għat-tkabbir, filwaqt li jfakkar fil-possibbiltajiet offriti bir-regoli fiskali eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) u t-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG).
4. Għandu jkun hemm taħlita xierqa ta' miżuri ta' nfiq u dħul fil-livell tal-Istati Membri, inklużi miżuri mmirati għal żmien qasir biex tingħata spinta lit-tkabbir u jiġi appoġġat il-ħolqien tal-impjiegi, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh, u l-prijoritizzazzjoni tal-investment favorevoli għat-tkabbir. B'rabta ma' dan, il-Kunsill Ewropew ifakkar li filwaqt li jiġi rrispettat bis-sħiħ il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-possibbiltajiet offriti mill-qafas baġitarju eżistenti tal-UE biex il-ħtiġijiet tal-investment pubbliku produttiv jiġu bbilanċjati mal-obiettivi tad-dixxiplina baġitarja jistgħu jiġu sfruttati fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2013 dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2013 dwar l-edukazzjoni, Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2013 dwar gwida politika dwar politiki soċjali u dawk dwar l-impjiegi u Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2013 dwar il-kwalità tan-nefqa pubblika.

5. Jeħtieġ li l-konsolidazzjoni fiskali u r-ritorn għall-istabbiltà finanzjarja jimxu id f'id ma' riformi mfasslin sew bil-għan li jippromwovu tkabbir sostenibbli, impjiegi u kompetittività u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew ifakkar f'kemm hu importanti li t-tassazzjoni titbiegħed mix-xogħol, fejn adatt u b'kont meħud tal-kompetenzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam, bħala mezz ta' kontribuzzjoni biex jiżdiedu l-impjegabbiltà u l-kompetittività.
6. Fil-kuntest ta' konsolidazzjoni fiskali diffikultuża huwa importanti li jkun żgurat li kulħadd iħallas sehmu fit-taxxi. Għaldaqstant huma meħtieġa sforzi ġodda biex titjieb l-effiċjenza tal-ġbir tat-taxxi u biex tiġi miġġielda l-evazzjoni tat-taxxa, inkluż permezz ta' ftehimiet dwar it-tassazzjoni fuq it-tfaddil ma' pajjiżi terzi u progress rapidu fit-trattament tal-problema tal-frodi tal-VAT. Hija meħtieġa kooperazzjoni mill-qrib mal-OECD u l-G20 biex jiġu żviluppati standards maqbula fil-livell internazzjonali għall-prevenzjoni tal-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt. Għal dan l-għan l-UE ser tikkoordina l-pożizzjonijiet tagħha. Għandha timxi 'l quddiem il-ħidma fuq fajls pendent dwar it-taxxi bħalma huma l-proposti dwar it-tassazzjoni tal-enerġija, dwar il-bażi komuni konsolidata tat-taxxa korporattiva u dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq it-Tfaddil. Il-Kunsill Ewropew jinnota li l-ħidma fuq il-kooperazzjoni msaħħa fuq taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji miexja 'l quddiem.

7. Fir-rigward tal-azzjoni meħuda fil-livell tal-UE, il-linji gwida deċiżi mill-Kunsill Ewropew tul ix-xhur reċenti, b'mod partikolari fil-Patt għal Tkabbir u Impjiegi, għandhom ikomplu jiġu implimentati bis-sħiħ u b'mod urġenti, bl-isfruttament, b'mod partikolari, tal-potenzjal ta' ekonomija ekoloġika għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività. Iż-żieda reċenti fil-kapital tal-BEI ta' EUR 10 biljun ser tippermetti lill-Bank isellef EUR 60 biljun addizzjonali b'appoġġ għat-tkabbir u l-impjiegi, u flimkien mal-Fond Ewropew tal-Investment, dan ser jgħin fil-mobilizzazzjoni ta' proġetti li jiswew sa EUR 180 biljun fl-2013-2015. Il-Kunsill Ewropew ser jivvaluta l-implimentazzjoni tal-Patt f'Ġunju, b'enfasi partikolari fuq miżuri bil-għan li joħolqu l-impjiegi u li jagħtu spinta lill-finanzjament tal-ekonomija għal miżuri ta' tkabbir li jaġixxu malajr. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni, flimkien mal-BEI, ser tirrapporta f'Ġunju dwar il-possibiltajiet u dwar il-prijoritajiet immirati li għandhom jiġu identifikati, b'mod partikolari fir-rigward tal-infrastruttura, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u r-riżorsi, l-ekonomija diġitali, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-SMEs.
8. It-tlestija u l-implimentazzjoni tal-qafas għal governanza ekonomika aħjar huma urġenti. Il-leġislazzjoni l-ġdida dwar sorveljanza fiskali u makroekonomika (is-"six-pack", it-"two-pack" u t-TSKG) għandhom jintużaw kompletament. B'mod partikolari, għandha titwettaq il-ħidma ta' tħejjija kollha meħtieġa biex ikun żgurat li dawn ir-regoli l-ġodda jiġu applikati b'mod effettiv mill-bidu taċ-ċikli baġitarji nazzjonali fl-2013.

9. Il-Kunsill Ewropew illum jagħti enfasi speċifika lill-kwistjonijiet li ġejjin:

- (a) l-indirizzar tal-qgħad huwa l-isfida soċjali l-iktar importanti li qed niffaċċjaw. Il-politiki attivi dwar l-impjieg, dawk soċjali u dawk dwar is-suq tax-xogħol għaldaqstant jeħtieġu prijorità u attenzjoni speċjali fil-kuntest preżenti u għandha tingħata prijorità partikolari lill-promozzjoni tal-impjieg taż-żgħażaġh. Is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jeħtieġ irendu aħjar, jiżguraw li ż-żgħażaġh jiksbu l-ħiliet ġusti u jikkollegaw id-dinja tax-xogħol ma' dik tal-edukazzjoni b'mod iktar effettiv. Wara l-qbil milħuq fil-Kunsill Ewropew ta' Frar 2013 dwar l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ, il-Kummissjoni ressqet proposti, fil-kuntest tan-negozjati li qed isiru dwar ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew, għall-aġġustamenti tekniċi li ser jippermettu li l-Inizjattiva tibda tiffunzjona kompletament mill-1 ta' Jannar 2014. Sadanittant, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-finanzjament disponibbli mill-fondi strutturali rilevanti kollha fil-perijodu ta' programmazzjoni attwali biex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh. B'rabta ma' dan il-Kunsill Ewropew jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni li tkompli tibni fuq il-ħidma mal-Istati Membri bl-ogħla livelli ta' qgħad fost iż-żgħażaġh. Il-qbil milħuq fil-Kunsill fit-28 ta' Frar dwar il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ser tgħin jiżgura li ż-żgħażaġh kollha taħt l-età ta' 25 sena jirċievu offerta ta' xogħol ta' kwalità tajba, kontinwazzjoni tal-edukazzjoni, apprendistat jew taħriġ fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jwaqqfu l-edukazzjoni formali, u għandha tiġi implimentata rapidament, inkluż permezz tal-appoġġ tal-Inizjattiva favur Impjieg taż-Żgħażaġħ. Il-ħidma għandha wkoll tkompli b'mod iktar ġenerali lil hinn mill-pakkett tal-Impjiegi, inkluż li jinġiebu sostanzjalment iktar nisa fix-xogħol, jitnaqqas il-qgħad fit-tul u tiġi żgurata l-parteeċipazzjoni sħiħa tal-ħaddiema akbar fl-età. huwa kruċjali li jiġu affrontati l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi u jiġu missielta l-faqar u l-esklużjoni soċjali;

- (b) is-Suq Uniku jibqa' mutur ewlieni għat-tkabbir u l-impjiegi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu kont sħiħ tar-rakkomandazzjonijiet fir-rapport mill-Kummissjoni dwar l-istat ta' integrazzjoni tas-Suq Uniku u jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tintegra rapporti bħal dawn fl-Istħarriġ Annwali futur dwar it-Tkabbir. Il-konklużjoni rapida tal-ħidma fuq il-proposti kollha tal-Att dwar is-Suq Uniku I hija prijorità essenzjali, b'mod partikolari fir-rigward ta' fajls ewlenin bħall-kontabbiltà, il-kwalifiki professjonali, l-akkwist pubbliku, il-kollokament tal-ħaddiema u l-identifikazzjoni elettronika/il-firma elettronika, bil-għan li tingħata spinta lill-kompetittività, jitkabbar is-Suq Uniku u jitneħħew ostakli mhux ġustifikati. Il-Kummissjoni ser tippreżenta l-proposti li fadal tal-Att dwar is-Suq Uniku II mingħajr dewmien bil-ħsieb li jiġu eżaminati rapidament biex ikunu jistgħu jiġu adottati qabel tmiem din il-leġislatura. Huwa urġenti wkoll li tittejjeb l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni kollha dwar is-Suq Uniku, inkluża d-Direttiva dwar is-Servizzi, b'mod partikolari permezz ta' reviżjoni rigoruża mill-pari u azzjoni rapida biex jitneħħew ostakoli mhux ġustifikati. Il-Kunsill Ewropew ser ikompli jżomm dawn il-kwistjonijiet kollha taħt eżami regolari;

- (c) Hi meħtieġa aktar azzjoni biex jitnaqqas il-piż ġenerali tar-regolamentazzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, filwaqt li jittieħed dejjem kont tal-hteġa għal protezzjoni adegwata tal-konsumatur u tal-impjegati. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jipproċedu bil-ħidma dwar regolamentazzjoni intelliġenti fid-dawl tal-komunikazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni, b'enfasi speċifika fuq il-ħtiġijiet tal-SMEs. L-Istati Membri ser jagħtu attenzjoni partikolari biex jiġu evitati piżijiet addizzjonali fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rapport reċenti tal-Kummissjoni dwar ir-regolamenti li huma l-aktar ta' piż għall-SMEs u jistenna b'interess li jirċievi proposti inizjali konkreti biex jiġu implimentati s-sejbiet tagħha sa Ġunju. Il-Kummissjoni ser tissorvelja l-progress permezz tat-tabella ta' valutazzjoni għall-SMEs. Ser tiżgura wkoll l-implimentazzjoni rapida u effettiva tal-programm tagħha ta' "idoneità regolatorja" ("REFIT"), partikolarment billi tidentifika b'mod rapidu l-oqsma regolatorji u l-partijiet tal-leġislazzjoni li fihom l-ikbar potenzjal għas-simplifikazzjoni tar-regoli u t-tnaqqis tan-nefqa regolatorja. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess li jirċievi l-ewwel proposti għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż regolatorju fil-ħarifa. Il-Kunsill Ewropew jinnota li, bħala parti mill-programm ta' ħidma annwali tagħha, il-Kummissjoni tressaq lista ta' proposti pendenti li għandhom jiġu rtirati. Sabiex jitnaqqas il-piż tar-regolamentazzjoni u titrawwem il-kompetittività, huwa jħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża l-programm "REFIT" biex tidentifika u tipproponi fil-ħarifa l-irtirar ta' regolamenti li m'għadhomx utli u biex tkompli l-konsolidazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti bħala parti mill-ħidma tagħha ta' simplifikazzjoni.

10. Matul ix-xhur li ġejjin, il-Kunsill Ewropew ser jorganizza serje ta' diskussjonijiet tematiċi dwar aspetti settorjali u strutturali li huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività Ewropea. Dawn id-diskussjonijiet ser jikkontribwixxu wkoll għal dibattitu sensa d-dieħla dwar l-Istrateġija Ewropa 2020 u r-reviżjoni tal-progress lejn il-miri ewlenin tagħha. Bil-ħsieb ta' dawn id-diskussjonijiet, huwa jappella biex issir ħidma preparatorja bi prijorità fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:
- (a) enerġija (Mejju 2013): għaddejja ħidma biex jitlesta s-Suq Intern tal-Enerġija u ħidma dwar l-interkonnnessjonijiet mas-swieq tal-enerġija Ewropej. L-ebda Stat Membru tal-UE m'għandu jibqa' iżolat min-netwerks Ewropej tal-gass u l-elettriku wara l-2015. L-Ewropa teħtieġ investment f'infrastruttura moderna tal-enerġija u l-isfida ta' prezzijiet għolja tal-enerġija li jxekklu l-ħtiġijiet ta' kompetittività li jridu jiġu ttrattati;
 - (b) innovazzjoni (Ottubru 2013): il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tar-rapport ta' progress tagħha dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka kif ukoll il-komunikazzjoni tagħha dwar "il-Qagħda tal-Unjoni għall-Innovazzjoni 2012", inkluż l-indikatur uniku tal-innovazzjoni, fi żmien dovut għad-diskussjonijiet tiegħu;
 - (c) aġenda diġitali u servizzi oħra (Ottubru 2013): il-Kunsill Ewropew jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrapporta qabel Ottubru dwar l-istat attwali u l-ostakoli li jonqos jiġu ttrattati biex ikun żgurat li s-Suq Uniku Diġitali li jiffunzjona kompletament jitlesta sal-2015, kif ukoll miżuri konkreti biex jiġi stabbilit is-suq uniku fit-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni l-iktar kmieni possibbli;
 - (d) difiża (Diċembru 2013): f'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew ser iħares ukoll lejn modi kif tiġi żviluppata bażi teknoloġika u industrijali ta' difiża Ewropea aktar integrata, innovattiva u kompetittiva;

- (e) kompetittività u politika industrijali (Ġunju 2013 u Frar 2014): filwaqt li jiŝhaq dwar l-importanza li l-Ewropa ssir aktar kompetittiva bħala post ta' produzzjoni u investment, il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess is-segwitu tal-komunikazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni dwar il-politika industrijali u dwar setturi industrijali speċifiċi kif ukoll il-preżentazzjoni f'waqtha ta' kontribut ulterjuri mill-Kummissjoni għal din id-diskussjoni: ir-rapport dwar il-kompetittività Ewropea, ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' politika industrijali u l-konklużjonijiet tar-reviżjoni tas-suq uniku għall-prodotti industrijali.

Approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM)

11. Il-Kunsill Ewropew evalwa l-ħidma kontinwa fuq l-erba' aspetti identifikati fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2012 dwar l-approfondiment tal-UEM. Ser ikun meħtieġ li kwalunkwe pass ġdid lejn it-tiŝhih tal-governanza ekonomika ikun akkumpanjat minn passi oħra lejn leġittimità u responsabbiltà aktar b'saħħithom.
12. Huwa urġenti li jsir progress lejn qafas finanzjarju aktar integrat biex ikun hemm ritorn għas-self normali, titjieb il-kompetittività u jkun jistgħu jsiru l-aġġustamenti ekonomiċi meħtieġa. Barra l-progress miksub fuq l-erba' regoli l-ġodda għar-rekwiżiti ta' kapital tal-banek, il-kwistjonijiet tekniċi pendent li għad fadal irid jiġu ffinalizzati b'mod rapidu sabiex ikun permess qbil finali li jrid jintlaħaq sal-aħħar tax-xahar. Il-konklużjoni tal-proċess legiŝlattiv dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (SSM) fil-ġimgħat li ġejjin huwa ta' prijorità.

13. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li huwa essenzjali li jinkiser iċ-ċirku vizzjuż bejn il-banek u l-istati. Kif maqbul f'Diċembru 2012, għandu jintlaħaq qbil malajr kemm jista' jkun fl-ewwel semestru tal-2013 dwar qafas operazzjonali, inkluż id-definizzjoni ta' assi legati, sabiex meta jiġi stabbilit mekkaniżmu superviżorju uniku effettiv, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, wara deċiżjoni regolari, ikollu l-possibbiltà li jirrikapitalizza lill-banek direttament. Qabel Ġunju 2013 irid jintlaħaq qbil dwar id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Risoluzzjoni tal-Banek u d-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti, biex b'hekk jiġi żgurat bilanċ ġust bejn il-pajjiżi ta' oriġini u dawk ospitanti. Il-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta sas-sajf 2013 proposta leġislattiva dwar Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-pajjiżi parteċipanti fil-MSU, li ser tiġi eżaminata bħala kwistjoni ta' prijetà bl-intenzjoni li tiġi adottata matul iċ-ċiklu parlamentari attwali. Hija għandha tiżgura qafas effettiv għar-risoluzzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji waqt li tipproteġi lill-kontribwenti tat-taxxa fil-kuntest ta' kriżijiet bankarji, tkun ibbażata fuq kontribuzzjonijiet mis-settur finanzjarju stess u tinkludi arranġamenti xierqa u effettivi ta' salvagwardja, f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2012. L-integrità tas-Suq Uniku ser tiġi mħarsa bis-siġh u ser jiġi żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn l-Istati Membri li jieħdu sehem fil-MSU u dawk li le.
14. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-adozzjoni tar-regoli għall-organizzazzjoni tal-proċedimenti tas-summits tal-euro u jilqa' l-fatt li dawn ir-regoli huma maħsuba biex itejbu l-kwalità tal-governanza taż-żona tal-euro filwaqt li jippreservaw l-integrità tal-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali kif rikonoxxut b'mod partikolari mid-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TSKG².

II. PUNTI OĦRA

15. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mas-sħab strateġiċi tagħha.

² Il-Pajjiżi l-Baxxi daħħlu riżerva parlamentari dwar dan il-punt.